32001D0573

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-23 ta' Lulju 2001
li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-lista ta' skart

(2001/573/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar skart perikoluż [1], b'mod partikolari l-Artikolu 1(4) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Lista ta' skart tal-Komunità kienet stabbilita bid-Deċiżjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tibdel id-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skond l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar skart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skond l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż [2].

(2) L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 91/689/KEE jeħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-iskart mhux inkluż fil-lista ta' skart perikoluż li huma jqisu li għandu karatteristika waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness III li jinsab ma' dik id-Direttiva. Diversi Stati Membri nnotifikaw skart li fih *chlorosilanes*, skart li fih is-silikon, u materjali ta' kostruzzjoni li fihom l-*asbestos* u talbu li l-lista ta' skart perikoluż tiġi hekk emendata.

(3) Biex ikun hemm ċarezza, għandu jiġi espressament provdut li taħlita esklussiva ta' grass u żejt minn separazzjoni ta' żejt/ilma li jkun fiha biss żejt ta' l-ikel u xaħmijiet tista' tiġi meqjusa li mhix ta' perikolu.

(4) Id-Deċiżjoni Nru 2000/532/KE għandha tiġi hekk emendata.

(5) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni m'humiex skond l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat stabbilit bis-saħħa ta' l-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart [3]. Għandhom għalhekk, bis-saħħa tar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE, jiġu adottati mill-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 2000/532/KE għandu jiġi emendat skond l-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Jannar 2002.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Lulju 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

A. NEYTS-UYTTEBROECK

---

[1] ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 20. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 94/31/KE (ĠU L 168, tat-2.7.1994, p. 28).

[2] ĠU L 226, tas-6.9.2000, p. 3. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2001/119/KE (ĠU L 47, tas-16.2.2001, p. 32).

[3] ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 39. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2001/119/KE (ĠU L 47, tas-16.2.2001, p. 32).

ANNESS

L-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 2000/532/KE huwa emendat kif ġej:

1. id-daħla numru 06 08 02 intestata "skart li jkun fih *chlorosilanes*" hija mibdula b'dan li ġej:

"06 08 02* skart li fih silikoni perikoluż"

2. id-daħla numru 07 02 16 intestata "skart li fih is-silikons" hija mibdula b'dan li ġej:

"07 02 16* skart li fih silikoni perikoluż

07 02 17 skart li fih silikoni ħlief dawk imsemmija fl-07 02 16"

3. id-daħla numru 17 06 05 intestata "materjali ta' kostruzzjoni li fihom l-*asbestos*" hija mibdula b'dan li ġej:

"17 06 05* materjali ta' kostruzzjoni li fihom l-*asbestos* [1]

[1] Sa fejn hu konċernat il-*landfills* bl-iskart, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipposponu d-dħul fis-seħħ sakemm jiġu stabbiliti l-miżuri adattati għat-trattament u disponiment ta' skart mill-materjal ta' kostruzzjoni li jkun fih l-*asbestos*. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti skond il-miżura riferita fl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar il-*landfills* bl-iskart (ĠU L 182, tas-16.7.1999, p. 1) u għandhom jiġu adottati sas-16 ta' Lulju 2002 l-aktar tard."

4. id-daħla numru 19 08 09* intestata "taħtlita ta' grass u żejt mis-separazzjoni ta' żejt/ilma li jkun fiha żejt ta' l-ikel u xaħmijiet" hija mibdula b'dan li ġej:

"19 08 09 taħlita ta' grass u żejt mis-separazzjoni ta' żejt/ilma li jkun fiha biss żejt ta' l-ikel u xaħmijiet"